MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 118/2005/1

**P. Cutajar & Co. Ltd**

**vs**

**Jesmond Sant f'ismu proprju u kif ezercenti fil-kummerc il-hanut bl-isem 'Save & Smile' u b'digriet tas-17 ta Novembru 2005 giet kjamta in kawza Rita Sant**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Jannar, 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti:-
>
> Rat li s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma ta' elf seba' mija tmienja u tmenin lira, tmienja u erbghin centezmu

Maltin (LM1,788.48) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata mis-socjeta attrici fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta sekwestru u tal-mandat ta' qbid numru 462/05 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament, it-talbiet attrici hekk kif diretti kontra l-eccipjent Jesmond Sant innifsu huma infondati stante li d-dejn allegat mis-socjeta attrici semmai huwa dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ghaldaqstant ikun opportun jekk tigi kjamata il-mara tal-istess ecipjent u cioe Rita Sant.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar is-sbatax (17) ta' Novembru 2005 xehed Ernest Spiteri Gonzi, il-*financial controller* tas-socjeta attrici u esebixxa *statement* dettaljat li gie markat bhala Dok. ES 1, li jindika li l-konvenut ghandu jghati lis-socjeta attrici is-somma mitluba fl-avviz. Huwa esebixxa wkoll d-dokumenti kollha relattivi ghal dan il-kont, bil-fatturi kollha relattivi w anke *application* ghal *credit* maghmula mill-istess konvenut, liema dokumentazzjoni tindika li kien il-konvenut li kien jordna u jixtir l-merkanzija minghand is-socjeta attrici. F'dan l-i*statement* hemm indikat l-pagamenti kollha li effettivament kien jghamel il-konvenut.

Illi fl-istess seduta tas-sbatax (17) ta' Novembru 2005, il-konvenut talab il-kjamat in kawza ta' martu Rita Sant u dan ghaliex bejniethom kienu ghaddejja proceduri ghas-separazzjoni personali, l-atturi ma oggezjonawx u l-Qorti diversament

preseduta laqghet it-talba u ordnat in-notifia tal-kjamat in kawza bl-avviz u bl-appuntament.

Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Ottubru 2006, Rita Santipprezentat it-twegiba taghha w eccepiet is-segwenti:-

Illi qabel xejn hija tinsab separata minn zewgha Jesmond Sant li ilu zmien li telaq mid-dar taz-zwieg.

Illi l-esponenti m'ghandhiex x'taqsam mat-tmexxija tal-hanut 'Save 'n Smile' li fil-fatt jitmexxa minn zewgha Jesmond.

Illi ghalhekk hija mhiex responsabbli tad-djun li qed itella' zewgha.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza ma jidhirx li hemm wisq provi x'tezamina l-Qorti salv ix-xhieda prodotta mis-socjeta attrici u cioe dik ta' Ernest Spiteri Gonzi fejn huwa ikkonferma id-debitu li kellu l-konvenut mas-socjeta attrici. Illi s-socjeta attrici ppruvat permezz tad-dokumenti esebiti lli l-konvenut kellu relazzjoni kummercjali mas-socjeta attrici fis-sens illi kien jixtri merkanzija minghandha u dan fuq fazi ta' *credit*. Jirrizulta li fil-fatt l-istess konvenut ma hallasx id-debitu dovut minnu fl-ammont indikat fl-avviz u dan minghajr ebda raguni valida. Illi fil-fatt lanqas fl-eccezzjoni tieghu huwa ma jichad li ghandu dan id-debitu billi jghid li semmai huwa dovut minnu u minn martu stante li bejniethom kienet tesisti l-komunjoni tal-akkwisti. Illi pero huwa ma ressaq l-ebda prova sabiex jisustanzja dak minnu eccepit.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti tiddecidi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa t-

> talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu *in solidum* lis-socjeta attrici s-somma indikata fl-avviz u cioe fl-ammont ta' elf seba' mija tmienja u tmenin lira, tmienja u erbghin centezmu Maltin (LM1,788.48) bl-imghax skond il-ligi.
>
> L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghadhom jigu sopportati mill-istess konvenuti bejniethom."

Il-kjamata in kawza appellat minn din is-sentenza bl-ilment li hi ma kellhiex tigi kkundannata *in solidum* mal-konvenut la ma kienetx hi li kkuntrattat mas-socjeta` attrici izda kien il-konvenut zewgha, minnu mifruda. Agguntivament, l-ewwel Qorti kien messha akkordatilha l-opportunita` li tressaq ix-xhieda taghha ghal-liema fini hi talbet s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Hu provat mill-atti processwali illi l-appellanti ssejhet fil-kawza fuq it-talba tal-konvenut zewgha. L-eccezzjonijiet taghha a fol. 19 juru li hi kienet qeghda tiddefendi ruhha fil-kontradittorju tat-talba attrici bil-fatt li kienet isseparata mill-konvenut, ma kellhiex x'taqsam mat-tmexxija tal-hanut u li ma kienetx debitrici. Id-diversi verbali jindikaw li l-kawza damet zmien ghan-notifika bir-riappuntament taghha ta' l-istess appellanti u tal-konvenut. Procedura din li jidher li nghalqet definittivament bl-esebizzjoni ta' estratt f'gazzetta lokali pprezentata b'Nota fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru, 2007. Ara verbal a fol. 45 fejn hu dikjarat ukoll illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-23 ta' Jannar, 2008;

Jirrizulta wkoll mill-istess atti istruttorji illi bejn din l-ahhar udjenza u s-sentenza, issa impunjata, l-appellanti pprezentat zewg rikorsi fl-14 ta' Jannar, 2008 ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghal motiv li hi riedet li jkollha l-opportunita li ggib 'il quddiem il-provi taghha u, ukoll, ghaliex l-Avukat taghha, nominat wara talba ghal beneficcju legali, kien ser ikun imsiefer. Dawn

iz-zewg rikorsi baqghu ma gewx finalment iddekretati nonostante li dwarhom l-ewwel Qorti rrizervat li tipprovdi fl-udjenza;

Stabbiliti dawn ir-rilevanzi dwar l-andament tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti, ma jistax ikun dubitat, anke ghaliex dan hu hekk prezunt minn disposizzjonijiet varji fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, illi hu dover ta’ kull tribunal aggudikanti illi jassigura li l-kondotta tal-proceduri quddiemu ssir b’mod li jkun rispettat il-principju tas-smigh xieraq. Dan fis-sens li lil kull wiehed mill-kontendenti tinghata l-possibilita` li tressaq il-provi taghha u li taghmel l-assunti taghha b’difiza ghad-dritt azzjonat jew ghall-eccezzjonijiet opposti. Ukoll fejn certi ligijiet ikunu jipprovdu ghar-regolamentazzjoni tal-proceduri skond kif it-tribunal ikun jidhirlu opportun jew ghat-trattazzjoni sommarja tal-kawza. Ara, ad ezempju, Kapijiet 378 u 380 relattivi ghat-Tribunali ghal Talbiet tal-Konsumaturi jew ghal Talbiet Zghar. Il-principju jibqa’ dejjem wiehed inderogabbli u ma jistax la jigi injorat u wisq anqas jitwarrab, hlief, s’intendi, f’dawk il-kazijiet fejn ikun manifestament ovvju n-non-kollaborazzjoni jew l-inkurja tal-parti. Ghax allura f’kaz bhal dan japplika l-principju l-iehor *qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*. Ara **Kollez. Vol. XXXIX P I p 396**;

Ankorke hu veru li r-rikorsi ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza tressqu tardivament, lanqas jista’ jinghad minn xi verbal illi l-appellanti kienet inghatat l-opportunita` li tressaq il-provi taghha u hi dan naqset li taghmlu b’mod li jista’ jinghad, b’applikazzjoni ta’ l-ahhar principju affermat illi, allura, *imputet sibi*. L-atti juru li ma giet iffissata ebda udjenza specifikament iddestinata biex l-appellanti ggib dawk il-provi u taghmel id-deduzzjonijiet taghha. Dan meta kien bil-wisq car mill-kontenut ta’ l-eccezzjonijiet taghha illi hi kellha difizi serji x’issostni ghall-harsien ta’ l-interessi taghha. Dan bil-kontra tal-qaghda assunta mill-konvenut zewgha li, mentri ma kkontrastax il-pretensjoni attrici, illimita ruhu ghad-difiza li d-debitu reklamat kien jirrientra fil-komunjoni ta’ l-akkwisti;

Il-Qorti certament tifhem u tapprezza illi l-qrati inferjuri huma affollati b'volum qawwi ta' kazijiet imma meta bhal f'dan il-kaz, tkun tal-fehma illi xi parti tkun sofriet privazzjoni mhux b'ghemil volontarju taghha, u jkun jidhrilha li fil-gudizzju tikkonfigura ipotesi ta' mankanza ta' smigh adegwat, hu l-kaz li s-sitwazzjoni tigi rettifikata bir-rimedju opportun.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata *di fronte* ghal konvenut li ma appellax minn din is-sentenza, tilqa' l-appell lilha devolut mill-kjamata in kawza billi thassar u tirrevoka l-istess decizjoni fil-konfront taghha. Tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Qorti biex fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti l-appellanti tinghata l-opportunita` li tressaq il-provi u s-sottomissjonijiet taghha. L-ispejjez tal-prezenti procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu ghal gudizzju finali mill-Qorti ta' l-ewwel grad.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------